MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 686/2002

**Emmanuela mart Jesmond Lia; Maria mart Charles Baldacchino, Joseph Abela, Carmela mart Anthony Magro u Catherine mart Raymond Borg, ahwa Abela.**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' Emanuela Lia iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru ta' Iskrizzjoni 1870/1968 (Dok. "A") fic-certifikat tat-twelid ta' Maria Baldacchino iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 1158/1962 (Dok.

"B"), fic-certifikat tat-twelid ta' Joseph Abela iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 5561/1958 (Dok. "C"), fic-certifikat tat-twelid ta' Carmela Magro iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 6464/1959 (Dok. "D"), u fic-certifikat tat-twelid ta' Catherine Borg iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 1746/1965 (Dok. "E") fil-kolonna ndikattiva ta' isem omm l-atturi dan gie ndikat erronjament bhala "Anne" mentri kif jidher kemm mic-certifikat taz-zwieg tal-istess omm l-atturi (Dok. "G") u wkoll mic-certifikat tat-twelid taghha (Dok. "F") isimha fil-fatt huwa "Marianna".

Illi wkoll fic-certifikat tat-twelid tal-attrici Maria Baldacchino (Dok. "B") jezisti zball ukoll fil-kolonna ndikattiva ta' isem u kunjom missier ommha billi dan gie ndikat bhala Giuseppe Fenech (*dead*) mentri fil-fatt jismu Anthony Xeureb (*alive*).

Illi l-atturi ghandhom interess illi ssir id-debita korrezzjoni.

Illi l-istes attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikati tat –twelid li jgibu n-numru ta' Iskrizzjoni 1870/1968, 1158/1962, 5561/1958, 6464/1959, u 1746/1965 liema certifikati jirreferixxu ghal Emanuela Lia, Maria Baldacchino, Joseph Abela, Carmela Magro u Catherine Borg rispettivament, fis-sens illi fil-kolonna ndikattiva ta' Isem u Kunjom l-omm tigi mhassra l-kelma "Anne" u mibdula bil-kelma "Marianna".

2. Tordna wkoll illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi c-certifikat tat-twelid bin-numru ta' Iskrizzjoni 1158/1962 li jirriferixxi ghal Maria Baldacchino, fil-kolonna ndikattiva ta' Isem u Kunjom missier l-omm billi jigu kkancellati l-kliem "Giuseppe Fenech (*dead*)" u mibdula bil-kliem "Anthony Xuereb (*alive)*".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 16 tal-process;

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Settembru 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku a fol. 23a fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti tat-twelid numru 1870/1968, 1158/1962, 5561/1958, 6464/1959 u 1746/1965 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol. 23a u 24 tal-process;

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2003 fejn Dr Anthony Cutajar ghall-atturi kkonferma d-dikjarazzjoni attrici u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Aktar tard deher Dr Hubert Theuma ghad-Direttur Registru Pubbliku li ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u rrimetta ruhu ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Frar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-atturi, numri 1870/1968, 1158/1962, 5561/1958, 6464/1959 u 1746/1965 *stante* li

l-istess atturi qed isostnu li f’dawn ic-certifikati isem ommhom gie erronjament indikat bhala “Anne” meta kellu jkun “Mariannna”.

Illi mid-dokumenti prodotti u mid-dikjarazzjoni kkonfermata mid-difensur tal-atturi li fil-fatt lanqas biss huma kontestati, jidher palezament li sar zball f’dawn ic-Certifikati tat-Twelid ta’ l-istess atturi, fis-sens illi gie ndikat erronjament l-isem “Anne” meta fil-fatt l-isem korrett huwa “Marianna”.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talbiet attrici, **tilqa’ t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b’dan illi:-

1. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikati tat –twelid li jgibu n-numru ta’ Iskrizzjoni 1870/1968, 1158/1962, 5561/1958, 6464/1959, u 1746/1965 liema certifikati jirreferixxu ghal Emanuela Lia, Maria Baldacchino, Joseph Abela, Carmela Magro u Catherine Borg rispettivament, fis-sens illi fil-kolonna ndikattiva ta’ Isem u Kunjom l-omm tigi mhassra l-kelma “Anne” u mibdula bil-kelma “Marianna”.

2. Tordna wkoll illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi c-certifikat tat-twelid bin-numru ta’ Iskrizzjoni 1158/1962 li jirriferixxi ghal Maria Baldacchino, fil-kolonna ndikattiva ta’ Isem u Kunjom missier l-omm billi jigu kkancellati l-kliem “Giuseppe Fenech (*dead*)” u mibdula bil-kliem “Anthony Xuereb (*alive)*”.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda issir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha issir bis-sahha ta’ kopja vera tas-

sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-Kap 16.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, stante li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------